**18 ta' Frar, 1965**

**Imhallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Gustav Ricci

*versus*

Harry Latzen

**Bejgh — Intempestività — Piż tal-Prova — Art. 1120, 1121 u 1483 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min jallega fatt għandu l-piż tal-prova fuq spallejh.*

*Meta ż-żmien tal-ħlas tal-prezz tal-oġġett mixtri ma jiġix miftiehem, ix-xerrej għandu jħallas fiż-żmien tal-konsenna tal-ħaġa.*

*Għalhekk jekk ix-xerrej ma jirnexxilux jipprova ftehim dwar dilazzjoni tal-ħlas ir-regola fuq imsemmija hija applikabbli.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvediment kollha opportuni — talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur nomine is-somma ta' mija u tletin lira, dsatax-il xelin u sitt soldi (£130. 19. 6) minnu dovuta għall-prezz ta' tapiti u kutri lilu mibjugħa skond il-kont (Dok: A) anness maċ-ċitazzjoni bl-imgħax legali minn notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid tad-19 ta' Novembru, 1964.

OMISSIS;

Rat n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa l-intempestività ta' l-azzjoni peress li favur tiegħu għadu għaddej it-terminu skond l-art. 1121(a) tal-Kodiċi Ċivili.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

L-eċċezzjoni tal-konvenut tiddependi mill-pretenzjoni ġa msemmija fid-dikjarazzjoni tiegħu li fl-okkażjoni tal-bejgħ, anzi iżjed preċiżament almenu skond id-depożizzjoni tiegħu, wara li huwa kien ħallas l-ewwel mitt lira minn mitejn lira akkont f'żewġ pagamenti ta' £100 il-wieħed, wieħed mis-soċji fid-ditta attriċi qallu li l-bilanċ jista' jħallsu meta jrid hu jew meta jkun komdu. Id-difensur tiegħu jsostni li jekk jirriżulta dan il-ftehim allura jidħol in applikazzjoni l-art. 112 (a) Kod.

Ċiv. li, peress li ma ġewx miftehma l-imgħaxijiet, jikkonċedi sentejn għall-pagament. *Ma hemmx kontrast dwar l-oġġetti* mixtrija (tapiti, kutri u oġġetti simili) u dwar il-prezz u l-bilanċ dovut. L-unika kwistjoni għalhekk tirrigwarda dik sollevata mill-konvenut dwar iż-żmien għall-pagament.

Il-pis tal-prova tal-fatt allegat mill-konvenut jinkombi fuqu stess (art. 561 Kod. Proċ. Ċiv.) allavolja hu konvenut. Meta l-attur, bħala venditur, jipprova l-bejgħ, l-oġġett u l-prezz huwa *jistabbilixxi l-kreditu tiegħu* għall-prezz jew il-bilanċ tal-prezz, u mbagħad, skond in-nota regola ta' ripartizzjoni ta' l-oneru tal-prova fuq ċitata, jispetta lill-konvenut l-oneru li jpprova l-eżistenza tal-fatt minnu allegat li jititolah għad-dilazzjoni għax "reus in excipiendo fit actor".

Fuq dan mhemmx ħlief ix-xhieda tal-konvenut u ta' l-attur. L-ewwel wieħed isostni u t-tieni li xehed li d-diskors sar miegħu jiċħad li sar il-patt li l-konvenut kellu jħallas meta jrid jew meta jista'. Fl-assenza ta' korroborazzjoni minn naħa jew minn oħra, il-Qorti ma tistax tirrisolvi dan il-konflit ħlief favur l-attur għax il- konvenut naqas jipprova suffiċjentement il-fatt minnu allegat. Fil-konfront max-xhieda ġuramentata ta' l-attur li bl-ebda mod ma hija nfiċjata, mhuwiex biżżejjed l-indizzju suġġerit mill-konvenut, ċjoè, li hu kien qiegħed jixtri ħafna affarijiet mid-ditta attriċi tant għalih innifsu kemm għall-kumpanija tal-Casinò li magħha f'dak iż-żmien il-konvenut kellu *pożizzjoni għolja, pożizzjoni li fil-preżent jinsab* sospiż minnha. Dik iċ-ċirkostanza, ammessa mill-attur stess, tiswa biex turi li l-attur nomine seta' kellu motiv biex ikun propens jagħti kreditu estiż lill-konvenut u għall-bżonn anki jħallih iħallas fil-komdu tiegħu, imma l-motiv waħdu jrid iċedi quddiem in-negazzjoni ġuramentata tal-fatt mix-xhud li dwar il-kredibilità tiegħu ma hemm ebda sospett. B'daqshekk lanqas ma hu qed jingħad li l-Qorti qegħda tixħed xi ombra fuq *il-kredibilità tal-konvenut* għax l-attur ma ressaq ebda prova

biex jimpunjaha. Qiegħed jingħad biss li bejn iż-żewġ xhieda ugwalment kredibili, in assenza ta' fatti jew indizji gravi biżżejjed biex jipperswadu l-Qorti tiskarta wieħed a preferenza ta' l-ieħor, id-dubju jrid jiġi risolut kontra l-parti li tallega l-fatt.

In materja ta' vendita l-liġi, fl-art. 1483 tal-Kodiċi Ċivili, tiddetta r-regola speċjali li tidderoga għad-dispożizzjonijiet talart. 1120 u 1121 tal-Kodiċi, li huma dispożizzjonijiet tad-dritt komuni. Skond l-art. 1483, meta ż-żmien tal-ħlas tal-prezz ma jiġix miftiehem fil-kuntratt, ix-xerrej għandu jħallas fiż-żmien tal-konsinna tal-ħaġa li hija regola konfaċenti għan-natura tal-vendita.

Il-Qorti taqbel li f'dan il-każ il-partijiet ma kienu qalu xejn fuq iż-żmien tal-ħlas għax l-attur stess xehed li hu u sieħbu ma kenux iħabblu rashom dwar il-konvenut għax kienu jafu li kien solvibbli. Dan il-fatt waħdu, ċjoè, is-silenzju bejn il-partijiet fuq iż-żmien tal-pagament ma jwassalx, skond il-loġika u skond il-prattika tal-kummerċjanti, ħlief għall-konċessjoni grazzjuża da parti tal-venditur, ma għandux jiġi nterpretat fis-sens ta' rinunzja da parti ta' l-attur tad-dritt normali u legali tiegħu biex jitħallas mal-konsinna tal-ħaġa mibjugħa "permutatio est strictissima interpretationis".

Mill-kompless tal-provi jirriżulta li l-unika vera dilazzjoni li kkonċeda l-attur nomine kienet dik sakemm jilħqu jkejlu t-tapiti, peress li dawn kienu "wall-to-wall carpets" u riedu jsiru l-misurazzjonijiet. In segwitu għal dan huwa bagħat il-kont lill-konvenut u aċċetta akkonti bħal ma soltu jagħmlu negozjanti bħalu, mingħajr b'daqshekk ma rrinunzja għad-dritt tiegħu li jesiġi l-pagament. Dina l-forma ta' konċessjoni jew kreditu grazzjuż hija l-anima tal-kummerċ u fin-nuqqas tal-konvenut biex jipprova l-eċċezzjoni tiegħu tkompli tagħti verosimiljanza lill-verżjoni ta' l-attur.

Is-silenzju tal-partijiet dwar iż-żmien u l-post tal-pagament m'għandux jimplika rinunzja għar-regola sanċita mill-imsemmi art. 1483, għax dik id-dispożizzjoni tikkontempla proprju l-ipotesi li dak iż-żmien jew dak il-post ma jiġux imsemmija fil-konvenzjoni miktuba jew verbali tal-bejgħ. Biex dik id-dispożizzjoni ma tapplikax f'każ ta' bejgħ, irid allura jkun hemm konvenzjoni kuntrarju, dak li, fil-fattispeċji kif intqal, ma ġiex ippruvat. F'dan il-każ il-Qorti mhijiex imsejħa biex tgħid jekk f'każ ta' bejgħ il-patt li l-kompratur għandu jħallas a komodu tiegħu jwassalx *għall-applikazzjoni ta' l-art.* 1921 jew għall-fissazzjoni tat-terminu mill-Qorti skond l-art. 1120, għax dik il-konvenzjoni kuntrarja għall-art. 1483 ma ġietx ippruvata u allura l-kwistjoni ssir akkademika.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenut u takkolji d-domanda ta' l-attur bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat, kontra l-konvenut.